MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 918/1996/1

**Pierre Travers Tauss**

**vs**

**Graziella Travers Tauss**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur u l-konvenuta ppartecipaw f'cerimonja taz-zwieg fil-5 ta' Gunju 1982 u dan kif jindika f'Dok. "A" anness;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u jew dmirijiet jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-konvenuta ma kellhiex fi zmien li sar iz-zwieg setghat intelletwali jew rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Illi fil-fatt il-partijiet kienu zzewgu biss peress li l-konvenuta nqabdet tqila u b'hekk ma kienx hemm ir-rieda ghaz-zwieg;

Illi l-konvenuta kien ghad kellha biss sbatax-il sena meta nqabdet tqila u tat il-kunsens taghha vizzjat ghaz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet ingab minhabba vjolenza morali w biza` specjalment tal-konvenuta u familjari taghha;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara w tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta fil-5 ta' Gunju 1982 huwa null u bla effett fil-ligi u dan prevja kull dikjarazzjoni li tkun necessarja ai termini ta' l-**artikolu 19 ta' l-att taz-zwieg ta' l-1975 (Att XXXVII).**

2. Tiddikjara u tiddeciedi u tordna li l-effetti taz-zwieg validu dejjem kienu jezistu sa llum meta n-nullita` taz-zwieg issir *res judicata* u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 20 ta' l-Att XXXVII**.

3. Tordna illi l-effetti finanzjarji u civili kif naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-kontendenti tat-18 ta' Mejju 1992 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard anke fir-rigward ta' konvenut ghandhom jibqghu kif pattwiti bejn il-partijiet u wkoll a tenur ta' klawsola 18 ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-attur tat-28 ta’ Mejju 1996 li permezz taghha pprezenta tliet dokumenti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tas-26 ta’ Settembru 1997 a fol. 15 fejn gie eccepit illi:-

1. L-infondatezza tat-talbiet attrici fid-dritt kif ukoll fil-fatt peress li meta ghazlet li tizzewweg l-attur, il-kunsens tal-konvenuta ma kien bl-ebda mod ivvizjat.

2. Fi kwalsiasi kaz, u bla pregudizzju ghas-suespost, ghal dak li jirrigwarda t-tieni talba attrici, l-arrangamenti finanzjarji tal-kuntratt ta’ separazzjoni fl-atti tan-Nutar Pierre Attard, tat-18 ta’ Mejju 1992 jibqghu jsehhu.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 16 sa 22 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti ta’ din il-Qorti kif diversament presjeduta ta’ l-20 ta’ Novembru 1997 fejn giet nominata Dr. Yana Micallef Stafrace bhala Perit Legali; tal-11 ta’ Frar 1998 fejn Dr. Debono talab li tizied it-tielet talba fic-citazzjoni attrici fis-sens hemm indikat b’dan li il-Professur Ian Refalo ddikjara li jaderixxi ruhu ma’ l-istess talba u l-Qorti laqghet it-talba; tas-16 ta’ Gunju 1998; tat-13 ta’ Novembru 1998; tat-12 ta’ April 1999; tat-2 ta’ Lulju 1999; tad-29 t’Ottubru 1999; tat-30 ta’ Mejju 2000; ta’ l-24 ta’ Novembru 2000 fejn Dr. Therese Cachia assocjat ruhha fil-patrocinju tal-konvenuta; tat-13 ta’ Gunju 2001 fejn Dr. Carlo Bizazza assocja ruhu fil-patrocinju ta’ l-attur; u tad-19 ta’ Novembru 2001.

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali;
Rat l-avviz ta’ l-10 t’April 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif presjeduta tat-2 t’Ottubru 2002; ta’ l-10 ta’ Dicembru 2002;

tat-13 ta' Frar 2003 fejn dehret il-Perit Legali u halfet ir-rapport; u tat-13 ta' Marzu 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum;

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**konvenuta Graziella Travers Tauss** xehdet hekk in subizzjoni:-

*"Illi jiena zzewwigt lill-attur fil-05 ta' Gunju 1982 fil-knisja ta' St. Patrick's, Sliema skond ic-certifikat anness fol 5. Kelli 17-il sena. Jiena kont tqila bl-ewwel tifel tieghi li twieled f'Novembru ta' l-1982. Ir-ragel tieghi ma jafx lil missieru.*

*Illi l-mama` tieghu kienet telqet lil missieru ghax irrizultalha li kien diga` mizzewweg u kkommetta bigamija maghha. B'hekk meta Pierre twieled, trabba man-nanniet materni. Minn twelidu sakemm izzewwigna.*

*Illi l-attur kellu tnejn u ghoxrin (22) sena meta izzewwigna.*

*Illi konna ilna nohorgu flimkien minn meta kelli ftit inqas minn hmistax (15) -il sena.*

*Illi meta sibt li tqila kien shock kbir ghalija u ghidt lil missieri ghax ommi kienet imsiefra dan wara li ghidt lill-attur. L-attur qal lill-familja tieghu.*

*Illi ghall-attur nannuh kien qisu missieru u fil-fatt in-nannu kien jikkonsidra lill-attur bhala ibnu.*

*Illi minn meta sirt naf li tqila sakemm izzewwigt ghadda l-anqas zmien possibbli. Fi hmistax iddecidejna li nizzewgu.*

*Tal-familja tieghi haduha bi kbira hafna. Hasbu li "I had thrown my life away."*

*Illi peress li kont zghira hafna u hasbu li ser ikolli futur differenti. Qatt ma kelli ippjanat li nizzewweg ta' sbatax (17) -il sena. Qatt ma hsibt dwar zwieg ta' din l-eta'. Veru li jiena u r-ragel konna qed nahsbu biex nitgharsu izda ma kellniex data pjanata u fuq zwieg ma kontx bdejt nahseb.*
*Illi n-nannu u l-familja ta' l-attur kienu rieduh jizzewweg biex l-affarijiet ikunu regolari fil-fatt in-nanna qaltlu li affarijiet li jigru ghax lilhom hekk kien gralhom. Kienet "the obvious thing to do."*

*Illi jiena zgur li qatt ma kont nizzewweg li kieku ma kontx tqila.*

*Illi ahna ma kellna xejn lest. Morna "furnished flat" ghax ma kellna xejn lest. Forsi kellna c-curkett ta' l-gherusija.*

*Illi jiena ta' dik l-eta' li kelli, illum, nirrejalizza li ma kontx naf x'inhu zwieg. Kien biss soluzzjoni ghas-sitwazzjoni li kont ninsab fiha.*

*Illi kien hemm ukoll laqgha fejn kienu prezenti omm l-attur u xi barranin fejn issemmiet il-possibbilta' ta' abbort izda din ghalija qatt ma kienet soluzzjoni".*

Illi l-**attur** xehed hekk:-

*"Illi jien mizzewweg lill-konvenuta u izzewwigt fil-5 ta' Gunju 1982 u minn dan iz-zwieg kellna zewgt itfal jisimhom Matthew u Nicholas. Matthew twieled fit-28 ta' Mejju 1989 u Nicholas fis-27 ta' Novembru 1982. Graziella kienet tqila meta zzewigna. Kellha hames (5) xhur tqala u kellha xi sittax (16) -il sena. Jiena kelli xi tnejn u ghoxrin (22) sena.*

*Illi jiena trabbejt man-nanniet materni tieghi, rabbewni huma ghax jien ma nafux lil missieri ghax abbandunani*

*qabel ma kont twelidt u n-nanniet hadu lili u lill-mama` taht il-kustodja taghhom. Sussegwentament il-mama` kienet tghix ghal rasha u jiena bqajt nghix man-nanniet. Fil-fatt in-nanniet materni hallewni bhala werriet taghhom flimkien ma' uliedhom biex b'hekk ghandi sehem bhal uliedhom.*

*Illi meta Graziella harget tqila l-ewwel li ghidt lin-nanna li imbaghad qalet lin-nannu. In-nannu hadha bi kbira. Qalli li kellna niffaccjaw il-konsegwenzi u kelli nizzewweg. Ghamlu pressjoni fuqi biex nizzewweg peress li bezzghuni bil-habs peress li Graziella kienet minorenni. Barra minn hekk it-tragedja personali tieghi u cjoe' li missieri abbandunani qabel ma twelidt inkombiet fuqi li kelli naghmel xi haga biex nassumi l-obbligi tieghi u r-responsabbilta' tieghi. Pero', dan ma kienx xelta libera izda sforz ic-cirkostanzi ghax kien ghadu kmieni wisq biex jien u Graziella niddeciedu fuq il-futur taghna.*

*Illi ahna ma konniex nahsbu li nizzewgu. Ma kellniex dar u missierha sabilna post bil-kera u n-nannu ghenni hafna finanzjarjament biex inkun nista' nizzewweg.*

*Illi malli sirna nafu irrangajna kollox malajr biex nippruvaw ma nurux li kienet tqila qabel it-tieg.*

*Illi wara li hrigt lil Graziella tqila kont imbezza' mill-genituri taghha u mill-konsegwenzi li setghu jigu fuqi.*
*Illi li kieku ma kinietx tqila zgur li ma konniex nizzewgu.*

*Illi n-nanniet mejtin.*

*Illi rrid nghid illi l-papa' tieghi kien Ingliz u kienet tghix il-mama' l-Ingilterra u zzewgitu hemm pero' irrizulta li kien bigamu u hija qabdet u telqet mid-dar u giet Malta ghand il-genituri taghha.*

*Illi jiena naf x'sofrejt peress li ma kellix missier u ma ridtx li t-tarbija tieghi tghaddi mill-istess.*

*Illi l-mara gieli qaltli li zzewgitni ghax sfurzata u indunajt dan ukoll minn ghemilha."*

**ii) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** ighid:-

**19 (1)** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

***(a)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza';"*

Illi din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia Borg"** (Cit Nru 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) diga' kellha okkazjoni tistudja dan is-sub-artikolu ghal dak l-aktar li jirrigwarda biza'. Illi fil-kaz odjern l-attur qed jissottometti li z-zwieg tieghu ghandu jigi ddikjarat null peress illi kien hemm koersjoni qawwija morali naxxenti minn aspetti ekonomici.

Illi kif inghad fil-kaz **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** (P.A. (VDG) deciza fl-14 ta' Awissu, 1995) inghad:-

*"… … biex pressjoni indipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista' tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irresistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens."*

*Inoltre*, fis-sentenza **"Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo"** (P.A. (SBC) deciza fit-13 ta' Marzu, 1984) saret espozizzjoni tal-kuncett ta' vjolenza u biza' f'din il-materja. L-espert legali f'dik il-kawza jsostni li sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:-

*"trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti".*

Illi *inoltre*, fil-kaz **"Anthony Gatt vs Doreen Gatt"** (P.A. (FD) deciza fil-25 ta' Gunju, 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:-

*"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibblita` lil min ikun li jisfuggi minnha".*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Sarah Mifsud Scicluna vs Christopher Mifsud"** (P.A. (RCP) 26 ta' Novembru 2002:

*"Illi ma hemmx dubju li l-biza' tista' tkun immedjata, ghaliex kreata minn persuna direttament fuq persuna ohra, jew medjanti sitwazzjoni li tikkawza certu biza' f'dak li jkun, u dan huwa kaz klassiku ta' kif biza' tista' tinholoq kawza ta' sitwazzjoni li persuni jsibu ruhhom fiha, stante li mix-xhieda prodotta mill-konvenut, il-fatt li l-attrici nqabdet tqila, ikkawza xokk sostanzjali fuqu, anke peress li huwa rrealizza l-konsegwenza tal-azzjonijiet tieghu, kemm ghal dak li jirrigwarda l-hajja personali tieghu, u kemm dik tal-attrici, u fl-ahharnett fil-konfront tal-istess wild, u mhux lanqas tal-genituri tal-partijiet".*

Illi huwa opportun f'dan l-istadju li wiehed jiccita dak li inghad fil-kawza fl-ismijiet **"Rosanne Cassar vs Kenneth Cassar"** (P.A. 19 t'Ottubru 1998) fejn il-Qorti qalet hekk:-

*" …. Biex jista' jinghad li l-kunsens ikun ivvizjat bil-biza' fis-sens tal-ligi taghna, jehteg li dik il-biza' tkun tali li mhux biss akkompanjat il-kunsens izda iddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens. Fi kliem iehor il-biza' trid tkun, fil-kaz konkret, ta' certu portata b'mod li tkun tista' tiddetermina kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens. Il-kunsens matrimonjali jkun inghata minhabba l-biza' u mhux minkejja dik il-biza' ".* (sottolinear tal-Qorti).

Illi min-naha l-ohra l-**artikolu 19 (1) (d)** jipprovdi li zwieg ikun null jekk *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso….La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a queslla volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentiment, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)" (****Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale** *(Torino, 1994), p. 97.*

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li:-

*"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il-consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che I contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre*

*matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "……..se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, I nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole" (**Pompedda, MF.,*** **"Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento"** *(Bologna, 1991), pp. 231, 233).*

Illi l-awtur ***Viladrich*** jispjega li *"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring" (**Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated" (Montreal, 1993), p. 686).**

Illi dwar it-tielet (3) premessa tal-attur u cjoe' **l-artikolu 19(1) (h) tal-Kap 255.** L-attur ippremetta illi l-konvenuta ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi dan l-artikolu jitkellem dwar persuna, li ghalkemm mhux interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg. Ghalhekk, apparti interdizzjoni jew mard mentali, dan l-artikolu jinkludi wkoll stat mentali temporanju li jaghmilha mpossibbli ghal persuna li jghati kunsens validu. Ezempji

ta' dan hu jekk persuna tkun taht l-effett tax-xorb, tad-droga, jew ta' dipressjoni.

Illi ***John R. Keating***, fil-ktieb tieghu **"The Bearing of Mental Impairment on the Validity of Marriage. An Analysis of Rotal Jurisprudence"** f'pagna 104 jaghti dan l-ezempju:-

*"Let us take the case of the man who has determined to marry a certain girl but to carry him through the ordeal, gets drunk and expresses consent in such a state. The marriage, if it is null, is null not because of insufficient internal wil, but because the act of manifestation was not a human act, a juridical act, an act capable of juridically signifying a virtually persevering internal will."*

**iii)** **APRREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti taqbel mal-Perit Legali Dr. Yana Micallef Stafrace li l-partijiet jirrizulta li izzewgu esklussivament minhabba t-tqala tal-konvenuta u ghal ebda raguni ohra. Ovvjament tali rieda u kunsens tal-partijiet ma huwiex sufficjenti sabiex irendi l-kunsens taz-zwieg moghti validament *stante* li dan jirrikjedi rieda veru u proprja li parti tidhol ghal din l-unjoni u kuntratt billi taccetta u tifhem l-elementi essenzjali ta' l-istess u l-fatt li mara tohrog tqila ma hijiex qatt raguni sufficjenti wahedha sabiex il-partijiet jaghtu l-kunsens taghhom ghar-rabta indossulibbli u monogoma u certament fi kliem il-perit legali din *"mhux raguni biex tizzewweg, u zgur mhux raguni sabiex tizzewweg ta' malajr u principalment sabiex in-nies ma jindunawx li l-gharusa tqila. Veru li jkun hemm tarbija barra iz-zwieg jista johloq il-konsegwenzi spjacevoli izda dan mhux raguni biex tizzewweg".*

Illi fil-fatt mid-depozizzjoni taz-zewg partijiet dawn urew immaturita` kbira meta zzewgu unikament minhabba it-tqala'. L-eta` taghhom ma ghenithomx peress li l-attur kellu tnejn u ghoxrin sena (22) sena u l-konvenuta zbatax (17)-il sena. Fi kliem l-istess brava Perit Legali *"ma ghenithomx wkoll l-attitudni ta' dawk iktar adulti ta'*

*madwarhom li kien mohhhom sabiex izewguhom sabiex isikktu l-ilsna”*. Dan gie kwotat peress li l-istess Perit Legali qed tispjega r-rizultanzi taghha, li din il-Qorti tikkondividi bi kliem li certament jifhmu kulhadd, izda li sfortunatament ma jevitax li l-istess sitwazzjoni tkompli tirrepeti ruhha bejn koppji li wara li jaghmlu dak li jidhrilhom bla ebda prekawzzjoni, sabiex isewwu minghalihom l-izball li jaghmlu, jaghmlu zball iehor, bil-konsegwenza li litteralment f’hafna kazi kissru l-hajja ta’ xulxin, ghaliex hadd minnhom ma jkun lest li joqghod ghar-regoli u l-obbligi taz-zwieg, u ma jkunux lesti li jirrispettaw l-elementi essenjali ta’ l-istess.

Illi l-istess Perit Legali fil-konsiderazzjonijiet taghha hadet in konsiderazzjoni wkoll it-trobbija ta’ l-attur fejn jidher li huwa kien abbandunat minn missieru . Hu ma riedx li l-wild tieghu jghaddi minn dik l-esperjenza. Dan hu hsieb nobbli izda mhux raguni valida biex tizzewweg, izda certament li dan influwixxa sewwa fuq id-decizjoni tieghu li jizzewweg la darba l-konvenuta harget tqila minnu, pero’ dan huwa ‘l boghod hafna minn dak il-kunsens moghti liberalment u xjentament li jwassal ghal unjoni dejjiema bejn il-mizzewwgin, *stante* li l-ewwel u fuq kollox l-istess kunsens ghandu dejjem jirreferi l-ewwel u fuq kollox ghal dak li persuna thoss ghal dak li ghandu jkun is-sieheb jew siehba taghha; f’dan il-kaz l-kunsens tal-partijiet ma jidhirx li kien koncentrat fuq il-konjugi izda assolutament w unikament fuq l-istess wild.

Illi kif gja rajna l-**artikolu 19 (1) (d)** jghid li zwieg ikun null :

*“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b 'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.”*

Illi kif qalet sew l-istess Perit Legali *“l-kunsens ta' zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma’ persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma’ dik il-persuna u bejniethom jikkrejaw shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin. Dan l-att*

*jehtieg maturita' ta' hsieb u karattru tali li l-persuna li tidhol ghaz-zwieg taghraf il-commitment li jikkomporta z-zwieg, u cjoe' commitment li tinvolvi partecipazzjoni attiva fil-hajja ta' familja".* Fuq kollox din trid tkun ibbazata fuq l-imhabba u s-sentimenti li l-istess partijiet ihossu ghal xulxin b'mod li joholqu komunjoni ta' hajja bejniethom u jkunu lesti sabiex jiffurmaw nukliju uniku li huwa l-bazi tas-socjeta' taghna.
Illi mill-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali m'huwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda, li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib s-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe` li tnejn minn nies jaghtu lilhom infushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.

Illi l-kuncett tad-*discretio judicii* ma jirrikjedix maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe' ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Illi minbarra dan il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett ta' diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi.
Illi fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"** deciza fl-4 ta' Novembru 1994, gie studjat fil-fond il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. F'din is-sentenza l-Qorti rreferit ghal dak li jghid *Bersini* fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu u cjoe':-

*“la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva... ...La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all’atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturila' affettiva comporta generalmenfe quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emottivita' che se sono turbati o inadeguati intraccano direttamente la volonta” e possono privare della liberta scelta interiore. .....Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il* ***grado*** *di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro.'* **(Il-Diritto Canonico Matrimoniale - Bersini - Torino 1994).**

Illi dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta' u fiducja, l-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-*benessere* reciproku bejn il-mizzewgin, u cjoe’, dawk l-obbligazzjonijiet li minghajrhom unjoni intima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh.

Illi dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jiriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.
Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ma taghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija u fil-gurisprudenza fuq citata, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonjiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik l-unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u prokrejazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Illi ovvjament mill-provi prodotti jidher car li l-partijiet kellhom difett ta' diskrezzjoni fil-kunsens taghhom dwar il-hajja mizzewga. Fil-fatt kif sew ikkonstatat l-istess perit legali l-partijiet kienu mohhhom biex jippruvaw li jsolvu l-problema tat-tqala’ tal-konvenuta. Qabel din it-tqala’ ma kellhomx hjiel li jizzewgu. Fil-fatt wara huma marru jghixu go *flat* mikri u kienet bl-ghajnuna tal-familjari taghhom li irnexxielhom jghixu l-ewwel snin ta’ hajjithom ta’ mizzewgin. Minn imkien ma rrizulta il-hsieb jew il-konnoxxenza u r-realizazzjoni ta’ l-elementi imsemmija essenzjali ghal kunsens validu ta’ zwieg u cjoe` dawk ta l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbi, diretta ghal komunjoni ta' hajja u prokrejazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Dan hu il-veru zwieg, mhux biss soluzzjoni ghas-sitwazzjoni li tinsab fiha, li fil-fatt minnha nfisha hija dejjem ta’ natura temporanja.
Illi ghalhekk abbazi tal-premess jidher li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Illi l-attur ippremetta wkoll li l-partijet kellhom il-kunsens vizzjat *stante* li dan ingab minhabba vjolenza morali u biza’ specjalment tal-konvenuta u l-familjari taghha izda dwar dan il-provi prodotti ma jwasslux certament ghal din il-konkluzzjoni; l-istess jista jinghad dwar l-**artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255** fejn relattivament ghall-istess lanqas ingabet il-minimu ta’ prova.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma inkompatibbli ma dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta fil-5 ta’ Gunju 1982 huwa null u bla effett fil-ligi u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

2. Tiddikjara, tiddeciedi u tordna li l-effetti taz-zwieg validu dejjem kienu jezistu sa llum meta n-nullita` taz-

zwieg issir *res judicata* u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 20 ta' l-Att XXXVII** salv dak provdut skond it-tielet talba ta' l-azzjoni attrici.

3. Tordna wkoll li l-effetti finanzjarji u civili kif naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-kontendenti tat-18 ta' Mejju 1992 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard anke fir-rigward ta' konvenut ghandhom jibqghu kif pattwiti bejn il-partijiet u wkoll ghat-tenur ta' klawsola tmintax (18) ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------